MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Numru. 253/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**
**VS**
**CHRISTOPHER SAMMUT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Christopher Sammut ta’ 40 sena, bin Emanuel u Josephine nee’ Ellul, mwieled Catania nhar l- 14 ta’ Jannar 1972, residenti Samvel, Triq Annibale Preca, Lija u detentur tal- Karta tal- IDentita’ bin- numru 538772M;

Talli:

1) Nhar il- 31 ta’ Dicembru 2010 ghal habta tal- 12.20hrs gewwa La Vallette Resort, Triq id- Dragunara, San Giljan, bil- hsieb li jaghmel delitt ta’ serq, wera dan il-

hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt, liema delitt ma giex esegwit kien ikun serq aggravat bil- mezz u bil- valur ghad- detriment ta’ La Vallette Resort;

2) u aktar talli nhar l- 1 ta’ Mejju 2010 ghal habta tat- 8.30hrs gewwa La Vallette Resort, Kamra 429, Triq id- Dragunara, San Giljan, ikkommetta serq ta’ €155 fi flus ghad- detriment ta’ Enzo Rundo;

3) talli wettaq reat fil- perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati nhar id- 19 ta’ Lulju 2010 moghtija mill- Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

4) aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal- Artikolu 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fl-1 ta’ Mejju, 2010, gie rapportat serq ta’ madwar mija w hamsa w hamsin Ewro (€155-) minn kamra fil-lukanda St George’s Park, San Giljan. Ma kien gie identifikat hadd li seta’ wettaq dik is-serqa, izda kien hemm ritratti ta’ persuna minn fuq CCTV camera fl-istess lukanda li setghet kienet hi responsabbli ghas-serq. Din il-persuna, pero’, baqghet ma nstabetx. Fil-31 ta’ Dicembru, 2010, fl-istess likanda, intlemah persuna qed idur fil-kuruduri, u gie mistoqsi mil-manager jekk kellux bzonn xi haga. Il-manager gharfu bhala l-istess persuna li ma kienx gie identifikat fil-filmati mehuda meta saret is-serqa ta’ Mejju ta’ qabel, u gew infurmati l-Pulizija li arrestaw lil dik il-persuna. Dan gie identifikat bhala Christopher Sammut, l-imputat odjern, u wara li ttiehdet stqarrija u gie investigat

mill-Ufficjal Prosekutur, hu tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal dawn l-imputazzjonijiet.

Mil-provi prodotti jirrisulta li l-imputat effettivament kien fuq ix-xena tad-delitt fiz-zewg okkazjonijiet. Dan jirrizulta kemm mir-ritratti esebiti, kif ukoll mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Dwar is-serqa li saret f'Mejju 2010, jidher li l-imputat kien fuq ix-xena tad-delitt, izda ma jirrisulta xejn aktar. Jinghad fix-xhieda li hemm filmat tal-imputat qed jitlob lil "chamber maid" ic-cavetta tal-bieb tal-kamra minn fejn insterqu l-flus, izda dan il-filmat ma giex prodott il-Qorti. Gew prodotti ritratti li ma jurux lill-imputat diehel f'din il-kamra, izda juruh miexi fil-kurudur. Inoltre, ic-"chamber maid" xehdet u qalet li ma gharfetx lill-imputat bhala dak li staqsieha ghac-cavetta dakinhar. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li ma hemmx bizzejjed konnessjoni mal-imputat biex jinstab hati ta' dan is-serq. Dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt li d-derubat ma giex prodott biex jixhed u jikkonferma r-rapport li hu ghamel. Anke li kieku xehed, mil-provi l-ohra ma saretx ir-rabta bejn dik is-serqa u l-imputat.

Ghar-rigward tal-ewwel imputazzjoni, dik ta' tentattiv ta' serq mill-istess lukanda fil-31 ta' Dicembru tal-istess sena, hawn ukoll l-imputat jinsab fuq ix-xena, izda l-presenza tieghu wehidha ma tistax twassal ghal tentattiv ta' serq. Ma rrisultax li kien hemm tentattiv ta' sgass, jew ta' dhul b'forza jew b'mezzi ohra. Kull ma hemm hu l-imputat qed igib ruhu b'mod suspettuz ghall-ahhar ghas-sidien tal-lukanda. Dan wahdu pero' mhux sufficjenti sabiex tinstab htija fl-imputat ghal din l-akkuza. Fil-verita', l-anqas jista' jinghad li kien hemm tentattiv ta' serq dakinhar. X'seta' kellu f'mohhu l-imputat wiehed jista' jissoponi u jista' jissuspetta, u l-presenza tieghu hemm xejn m'hi felici, izda zgur ma jistghux iwasslu ghal imputazzjoni ta' tentattiv ta' serq. Semmai l-imputat kien imissu tressaq fuq reat ta' vjolazzjoni ta' proprjeta' ta' terzi, u dhul fi hwejjeg haddiehor minghajr il-kunsens tas-sid, izda mhux ta' tentattiv ta' serq. Suspett wahdu, plawsibbli kemm hu plawsibbli, ma jistax iwassal ghal kundanna, aktar u aktar jekk l-anqas gie kommess reat ta' tentattiv ta' serq. Ma

rrisultax li kien hemm atti preparatorji biex issir serqa, u ghalhekk dik l-imputazzjoni ma tirrisultax ippruvata.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jipprova jilghabha tal-iblah u jghid li ma jiftakarx ghalfejn kien qieghed fil-lukanda fiz-zewg okkazjonijiet. Il-Qorti assolutament ma temmnux meta jipprova jghid li nesa ghalfejn mar f'post fejn soltu ma jmurx u ma jaghti ebda spjegazzjoni plawsibbli. Izda, kif gia' qalet il-Qorti, din wehidha ma hiex bizzejjed biex tinstab htija fl-imputat.

Kwantu ghall-imputazzjoni ta' ksur ta' sentenza sospiza, din inghatat wara li gie kommess ir-reat ta' serq f'Mejju 2010, u ghalhekk anke li kieku nstab hati ta' dik is-serqa, ma setax ukoll instab hati ta' ksur ta' sentenza sospiza. Kwantu ghall-addebitu tar-recidiva, is-sentenza esebita a fol. 54 tal-process, immarkata bhala Dok MB3, m'hijiex kopja legali u ghalhekk ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni. Barra minn hekk, peress illi l-imputat m'hux qed jinstab hati tal-ebda reat fil-konfront tieghu, kemm il-ksur tas-sentenza sospiza kif ukoll l-addebitu tar-recidiva m'humiex applikabbli.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 42, 261, 267, 270, 279(a), 280 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------